**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/09(26_02_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Frar 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.
6. Skema dwar Attivitajiet Kulturali.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 04/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Infurzar mill-Kunsilli Lokali f' Żoni Industrijali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 05/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizzjattivi Sportivi'.

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Programm tal-Laqgħat Statutorji 2009.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 07/2009 mingħand l-Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Seminar Dwar Żvilupp Sostenibbli u t-Tisħieħ tar-Relazzjonijiet Bejn il-Koppji'.

2.05 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni għal-laqgħa ta' Informazzjoni - Malta-EU Steering & Action Committee (MEUSAC) u l-Għajnuna lill-Kunsilli Lokali.

2.06 Il-Kunsill irċieva invit mingħand AcrossLimits għal *One Day Seminar* li ser ikun jittratta l-Libreriji u l-Kultura fejn ser issir preżentazzjoni ta' żewġ proġetti li qed jaħdmu fuqhom bl-isem ta' Entitle u EuropeanaLocal.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal komunikazzjoni maħruġa mill-Health Promotion Unit rigward l-attivita' 'Get Malta Moving'.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00886/07 – *To sanction the construction of levels -3 and -2 and sanctioning of alterations on elevations* fi Triq il-Puniċi, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 05476/08 – *i) Proposed extension of area reserved for tables/chairs, ii) Proposed temporary retractable canopy, iii) Proposed menu board* fi Triq ix-Xatt, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 06132/08 - *Proposed demountable wood and canvas canopy, and to sanction timber structures* fi Triq San Xmun, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.09 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni għall-Preżentazzjoni qasira dwar il-kampanja dwar l-enerġija alternattiva.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assistent Direttur, Field Services Unit, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal komunikazzjoni mingħand il-Planning and Priorities Coordination Division (PPCD) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-parteċipazzjoni fil-Interreg IVC Programme.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-Kampanja favur l-użu aħjar ta' l-Enerġija.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jiġi ċċirkolat l-avviż maħruġ mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar il-Laqgħa fuq il-Metodi ta' Kontroll tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Ewropea Rappreżentanza f' Malta rigward l-'European Year of Creativity and Innovation: Event on 'Europe's Creative Regions and Cities' li ser isir fl-20 u fil-21 t' April 2009, fi Brussels.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali fejn qed iwassal informazzjoni rigward l-inizjattiva 'Turn off the lights! The European Economic and Social Committee (EESC) and The European Union Committee of the Regions (CoR) take part in the initiative M' illumino di meno', fit-13 ta' Frar 2009.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqgħa importanti li din l-Assoċjazzjoni qed issejjaħ dwar is-sistema ta' l-infurzar lokali.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 09/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Petizzjonijiet minn Deċiżjonijiet tat-Tribunali Lokali'.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Proġett Pilota għat-Tfassil ta' Strateġija ta' Żvilupp Sostenibbli'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Premju EDEN 2009'.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-programm tal-Laqgħa għall-Kunsillieri - Reġjun Għawdex.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Fond ta' Ko-Finanzjament għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programm tal-Unjoni Ewropea'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-Kampanja SWITCH, liema kampanja hija mmirata biex ngħinu lir-residenti ta' kull lokalita' jagħmlu użu aktar effiċjenti ta' l-enerġija.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-23 ta' Jannar 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.23 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skemi dwar Attivitajiet Kulturali, Proġetti *Energy Saving* u Inizjattivi Sportivi'.

2.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 12/2009 mingħand il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Laqgħa għas-Sindki li ser issir fit-13 u fl-14 ta' Marzu 2009, fil-Hotel Calypso, Għawdex.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 06132/08 – *Proposed demountable wood and canvas canopy, and to sanction timber structures* fi Triq San Xmun, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 06210/08 – *To erect flats and garages (touching development scheme), including penthouses* fi Triq il-Kappar, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarja tal-Gaulitanus Choir fejn qed jiġi offrut artisti/*ensembles* barranin u b' hekk il-Kunsill ikun wieħed mill-*co-sponsors* u jkunu jistgħu jorganizzaw *event* fil-lokalita'.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Rueben Said, Uffiċjal fid-Direttorat tat-Trasport fl-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Huwa rċieva ilment li l-*Bus Shelter* tax-Xlendi hija maħmuġa ħafna. Is-Sindku ħa ħsieb u ċempel lill-Kumpanija Faces Consultants Ltd.

3.03 Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Surmast Joseph Debrincat sabiex jittella' l-Oratorju 'Pawlu ta' Malta' ta' Charles Camilleri. L-istima titla' għal aktar minn €12,000. Il-Kunsill iddeċieda li b' dan il-prezz ma huwiex possibbli li jsir.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kappillan, Dun Tonio Galea. Huwa kiteb l-ittra b' riferiment għall-Karnival tal-Munxar li sar fit-22 ta' Frar 2009. Huwa fakkar li kien hemm ftehim bil-fomm mas-Sindku li l-Karnival ma jkunx fil-Pjazza qabel tispiċċa l-quddiesa tat-8.30 ta' filgħodu, iżda t-tfal kienu diġa' impenjati mit-8 ta' filgħodu. Kien hemm ftehim ukoll li l-attivita' fil-Pjazza kellha tispiċċa x' ħin tkun ser tibda l-quddiesa tal-11 ta' filgħodu u peress li dan ma sarx, għalkemm il-bibien kienu magħluqa, xorta s-*sound* kien jinstema' minn ġewwa l-Knisja. Kien hemm ukoll il-problema li ħafna tfajliet ippretendew li jidħlu għall-quddiesa libsin il-kostum tal-Karnival. Huwa qed jissuġġerixxi li darba oħra, l-attivita' tkun lesta sal-11 ta' filgħodu, ssir f' post ieħor per eżempju quddiem il-Kunsill jew issir bejn il-11 ta' filgħodu u l-4 ta' filgħaxija. Is-Sindku kien ser jirrispondi din l-ittra peress li hemm il-bżonn li jiġu ċċarati xi punti li joħorġu minn din l-ittra.

3.05 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali dwar konsultazzjoni għat-tfassil ta' *Policy* dwar *open storage*. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jindika jekk hemmx problema ta' *open storage* fil-lokalita' u jekk hemm, il-Kunsill jindika siti fil-konfini tal-lokalita' li jistgħu jiġu utilizzati biex jinżammu vetturi kbar u materjal goff u l-Kunsill jagħmel suġġerimenti sabiex din l-isfida tiġi indirizzata bl-aħjar mod.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Alfred Grech fejn qed jipproponi *Public Lecture* dwar il-ħajja ta' San Pawl u dwar San Pawl fl-arti f' Għawdex. Din issir bħala parti mill-attivitajiet li ser isiru fl-ewwel tlitt ijiem ta' Mejju 2009. Il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 02/09(26_02_09).

**5.00 Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field.***

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur MPJ Ltd. qed ikompli jaħdem fil-*Playing Field*. Sadanittant il-Kunsill kompla jagħmel riċerka dwar x' apparat hawn fis-suq biex jiġi deċiż dwar it-*tender* li ser tinħareġ dalwaqt.

**6.00 Skema dwar Attivitajiet Kulturali.**

6.01 Fil-jiem li għaddew kienet saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kultura, r-Rabat, Għawdex. Kien hemm preżenti s-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat mill-Kultura, s-Sur Joseph Sultana, Sindku, s-Sur Anthony Grech, Segretarju Eżekuttiv, Dun Tonio Galea, Kappillan u s-Sur Paul Curmi. F' din il-laqgħa ġie diskuss dwar x' attivitajiet jistgħu jsiru f' dawn it-tlitt ijiem. Peress li l-Oratorju Pawlu ta' Malta ser jiswa ħafna, għandu jiġi kkunsidrat jekk tistax issir versjoni korali minflok bl-Orkestra. Il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju 2009 tista' ssir *exhibition* minn Artisti Taljani dwar il-ħajja ta' San Pawl u *Lecture*. Is-Sibt isir Kunċert mill-Banda ta' Ħal Safi u l-Ħadd issir Wirja ta' vetturi antiki u Mixja – Purċissjoni mill-Katidral sal-Munxar.

6.02 Is-Sur Patrick Grima u s-Sur Saviour Spiteri ssuġġerew li s-Sibt għandu jsir il-*Festival* tan-nar ta' l-art. Is-Sindku kien ser jikkuntatja lill-Kumpanija Leon Promotions biex jara jekk huwiex possibbli.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isir xogħol ta' żebgħa lir-*railings* tax-Xlendi. Sar tindif tal-*Parking* tax-Xlendi billi nġieb *open skip* mill-Kunsill biex jinġabar kull xorta ta' oġġetti li kienu mormija fil-*Parking*.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward ir-riforma fit-Trasport Pubbliku f' Għawdex.
F' dawn l-aħħar snin il-Kunsill dejjem kellu ilmenti li t-trasport pubbliku lejn ix-Xlendi mhux qed jgħaddi mill-parti ta' fuq tax-Xlendi. Għandna residenti speċjalment dawk anzjani li qed ikollhom jimxu ftit mhux ħażin għat-telgħa fis-sħana u fix-xita sal-*parking* fejn tieqaf tal-linja. Is-Sindku ssuġġerixxa li kemm fix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf ikun hemm rotot li jgħaddu wkoll min-naħa ta' fuq tax-Xlendi. Dan jista' jsir faċilment għaliex ir-rotta tkun mir-Rabat (*Terminus*), Santa Domenika, taċ-Ċawla, ta' Marżiena, Munxar u Xlendi. Din ir-rotta għandha tkun popolari u ssir f' ħinijiet li n-nies jinżlu jgħumu jew jaħdmu fix-Xlendi. Il-*parking* fix-Xlendi huwa limitat għal madwar 170 karozza biss u l-komunita' kummerċjali dejjem tilmenta li m' hemmx *parking* biżżejjed għal dawk li jridu jieqfu x-Xlendi. Għandhom raġun għaliex bil-karozzi tar-residenti fis-Sajf u ħaddiema, l-*parking* ikun kważi mimli. Il-*parking* tar-Rabat fis-Sajf ikun vojt u huwa jinsab konvint li jekk is-sistema ta' rotot li jiġu mfassla jsiru sewwa, jista' jintuża ta' *park and ride* lejn ix-Xlendi.

Is-Sindku attenda wkoll għal-laqgħa tas-Sindki fejn ġie diskuss il-ftehim dwar il-Karta ta' Aalborg li għadu kemm ġie ffirmat riċentament. F' din il-laqgħa ġie diskuss ukoll dwar kif il-Kunsilli qed jippreparaw sabiex iħaddmu persuna li tieħu ħsieb il-laqgħat tas-Sindki u dwar applikazzjonijiet dwar fondi mill-Unjoni Ewropea.

Saret laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ma' l-Uffiċjali mill-Malta-EU Steering & Action Committee (MEUSAC) fejn ġew diskussi l-possibilitajiet li l-Kunsill japplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropea għall-proġett tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u t-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

8.02 Is-Sindku attenda l-laqgħa tar-Reġjun t' Għawdex fejn ġie diskuss il-Patt tas-Sindki. Is-Sindku attenda wkoll għal-laqgħa organizzata mid-Datatrak.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fit-28 ta' Jannar 2009 kien mar jiġbor l-ilma minn quddiem il-Village Inn Bar and Restaurant u d-Dipartiment tas-Sanita' ma aċċettawx li jagħmlu t-testijiet peress li huma jagħmlu testijiet fuq kampjuni li jkunu miġbura minnhom. Jekk ikun hemm bżonn li jinġabar kampjun wara l-ħinijiet ta' l-Uffiċċju, għandu jkun il-Pulizija biss li jagħmel din it-talba.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet għal bini ta' ħitan tas-Sejjieħ:
Nicky Saliba bit-€33.80 kull metru kwadru VAT inkluża.
K&S Decorators bis-€47 VAT inkluża u bis-€70 VAT inkluża, iżda mhux it-tip li kien qed jitlob il-Kunsill.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kkuntatja diversi kumpaniji li jbiegħu *generators second hand*, sab offerta ta' Lister generator second hand 20 KVA għall-prezz ta' €2,329, restawrat u kkummissjonat fil-kamra tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Dan il-*generator* jixbah ħafna li dak li kien hemm oriġinali. Ġie deċiż li jekk dan il-*generator* ma jinxtarax mill-MEPA, dan jinxtara mill-fondi tal-Kunsill sabiex ikun jiffunzjona possibilment fid-dati ta' l-1, it-2 u t-3 ta' Mejju 2009, meta din il-Mitħna tinfetaħ għall-pubbliku. Qed ikun ippjanat li t-*toilets* ta' l-entratura tal-Mitħna u l-entratura jkunu lesti sa dik id-data.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Saviour Spiteri staqsa lill-Kunsill dwar ir-rampa ta' Triq San Xmun peress li din għada ma tranġatx. Is-Sur Spiteri staqsa wkoll dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi u dwar tappieri tad-drenaġġ fi Triq ta' Rinota li nqalgħu u tbaxxew meta f' din it-triq għada trid issir it-tieni kisja.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-fanali li hemm fis-*seafront* kienu ser jitranġaw u ser isir *wiring* ġdid peress li l-*wiring* li hemm preżentament ma huwiex *safe*.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2009, fit-3.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***